# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Erbgħa 21 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 553/2019 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**VZ**

**vs**

**AC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' VZ datat 10 ta' Diċembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu fis-seba' (7) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (07.06.2009) mill liema żwieġ twieldet il-*minuri MCZ *(ara ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A);*

2. *Illi huma isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Henri Vassallo datat wieħed u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħmistax (21.10.2015) (ara kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala Dok B);*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati għal aktar minn erba' snin u ċioe sa' mis-sena elfejn u erbatax (2014);*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi l-esponenti tiddikjara illi qatt ma kien hemm kwistjonijiet ta' manteniment*

*bejn il-partijiet, stante illi l-ebda parti ma hija dovuta tati manteniment ai termini tal-klawsola numru 1 ta' kuntratt ta' separazzjoni;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**VZ** xehdet bil-ġurament (fol 32) illi hija u żewġha iżżewwġu fis-7 ta' Ġunju 2009 u li minn dan iż-żwieġ twieldet tifla waħda, li għadha minuri. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali. Illi mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni 'l hawn, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, u lanqas hemm tama li din ir-rikonċiljazzjoni isseħħ. Finalment xehdet illi ma hemmx arretrati ta' manteniment dovuti.

**AC** xehed bil-gurament (fol 34) fejn ikkorrobora max-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Gunju 2009 (Vide Dok

A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo, datat 21 ta' Ottubru 2015 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi l-attur ghamel l-arrangamenti necessarji sabiex l-arretrati tal-manteniment jithallsu permezz ta' *standing order* irrevokabbli lil bint il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**